**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-29 ta' Jannar, 2019**

**Talba Numru: 123/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 43**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu**
**Marsa**

**Vs**

**Diane Rose Caruana (397910L)**
**St Curigs,**
**Triq Sant' Antnin**
**Haz-Zabbar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fit-03 ta' April, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u hamsin ewro u sebgha centezmi (€551.07c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40098915.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, il-konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2018 li permezz taghha kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra li l-konvenuta ma resqet ebda provi fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2019 u lanqas ma dehret ghal din is-seduta u ghalhekk dan it-Tribunal ddikjara l-provi maghluqa u halla l-kawza ghas-sentenza.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u hamsin ewro u sebgha centezmu (€551.07c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali numru 980/15 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 980/15 huma a kariku tal- konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**